**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 78/2017 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**
**(Spettur Lara Butters)**
**vs**
**Burgh Spiteri**
**Sera Caruana Smith**

**Illum 2 ta' Marzu, 2017**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Burgh Spiteri, 27 sena, iben missier mhux magħruf u Louisa Spiteri, imwieled il-Pietà, nhar l-10 ta' Frar, 1990 u li joqgħod Flat 5, Plymouth Flats, Triq Testaferrata, Ta' Xbiex, detentur tal-karta tal-identità numru 104590M

u

Sera Caruana Smith, 34 sena, bint David Caruana Smith u Janet nee' Woollard, imwielda l-Pietà nhar l-20 ta' Jannar 1983 u li toqgħod, Flat 5, Plymouth Flats, Triq Testaferrata, Ta' Xbiex, detentrici tal-karta tal-identità numru 116283M

Akkuzati talli nhar il-11 ta' Frar, 2017, għall-ħabta tas-2:00pm, ġewwa Flat 5, Plymouth Flats, Triq Testaferrata, Ta' Xbiex:

1. Ikkommettew serq ta' kartiera, kontinenti flus kontanti, liema serq hu kkawlifikat bil-vjolenza, bil-valur, li ma jeċċedix l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37), u bil-persuna, u li sar għad-dannu ta' Muhammad Yousaf, ta' nazzjonalità Pakistana, u/jew ta' persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra;

2. Bla ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew jew issekwestraw lill-istess Muhammad Yousaf kontra l-volontà tiegħu, liema delitt sar bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra;

Fil-konfront ta' Sera Caruana Smith waħedha, talli fl-istess data, hin, post u cirkostanzi:

3. Fi triq jew f'post espost għall-pubbliku, tlajjat jew għamlet biex tħajjar għall-prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali;

Fil-konfront ta' Burgh Spiteri waħdu talli fl-istess data, hin, post u cirkostanzi:

4. Filwaqt li kien qed jagħmel reat kontra l-persuna (minbarra omiċidju involontarju jew offiża involontarja fuq il-persuna), jew ta' serq jew ħsara fil-proprjetà (minbarra ħsara involontarja fil-proprjetà) kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti.

Fil-konfront tal-imputati Burgh Spiteri u Sera Caruana Smith flimkien, akkuzati talli fil-11 ta' Frar, 2017 u/jew fix-xhur ta' qabel, kif ukoll wara din id-data, f'dawn il-gżejjer:

5. Meta l-indirizz fuq il-karta tal-identità tagħhom ma baqax iktar validu jew xort'oħra, ma baqax iktar korrett, mingħajr dewmien, huma naqsu milli jirrapportaw l-fatt lill-uffiċjal awtorizzat u naqsu milli jikkonsenjaw l-istess karta tal-identità mhux korretta lilu u li jagħtu dak it-tagħrif kollu li jkun meħtieġ minn dak l-uffiċjal; u

6. Finalment, talli rrendew rwieħhom reċidivi ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi definittivi mogħtija mil-Qrati ta' Malta.

Rat li l-Ufficjali Prosekuturi qraw u kkonfermaw bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputati fis-seduti datata 17 ta' Frar, 2017.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid ta' Burgh Spiteri mmarkat bhala Dok JM1; estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid ta' Sera Caruana Smith immarkat bhala Dok JM2, fedina penali ta' Burgh Spiteri mmarkat bhala Dok JM3, fedina penali ta' Sera Caruana Smith immarkat bhala Dok JM4, il-kunsens moghti mill-Avukat Generali biex din il-Qorti titratta l-kawza bi procedura sommarja mmarkat bhala Dok JM5, zewg CD's siggillat f'envelope mmarkat bhala Dok JM6, erba' (4) sentenzi mmarkati bhala Dok JM1, Dok JM2, Dok JM3 u Dok JM4.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali datat 17 ta' Frar, 2017 biex din il-Qorti titratta din il-kawza bi procedura sommarja ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk il-Qorti ipprocediet biex tiddeciedi fuq il-mertu tal-kaz u konsegwentement ikkonvertiet f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputati ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom u kif registrata fit-tieni seduta datata 2 ta' Marzu 2017 quddiem din il-Qorti kif preseduta.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputati b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u tathom zmien xieraq biex jekk iridu, jistghu jergghu lura minnha u fil-fatt huma regghu tennew l-istess ammissjoni taghhom.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputati stess, il-Qorti ssib lill-imputati hatja ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputati, b'dan li allura l-Qorti ma kellhiex ghalfejn tahli izjed hin biex tigbor il-provi.

Il-Qorti rat ukoll il-fedina penali ta' l-imputati li tinsab ezebita a fol 11 et seq tal-process u minn ezami ta' l-istess jirrizulta illi f'perjodu ta' snin huma diga' kellhom xi udjenzi quddiem il-Qorti u nstabu hatja ta' diversi reati fejn gew moghtiha Probation u anke sentenzi sospizi. Illi ghalhekk ma jidhirx li l-imputati tghallmu minn dawn l-esperjenzi u ma sfruttawx l-opportunitajiet moghtija lilhom mill-Qorti tant li spiccaw quddiem din il-Qorti bl-akkuzi odjerni.

Il-Qorti ghalhekk fic-cirkostanzi thoss illi ghandha tigi inflitta piena ta' prigunerija effettiva.

Rat ukoll li l-imputati wrew ix-xewqa li jaghmlu programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

**Decide:**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 86, 87(e), 261, 262(1)(a)(b)(2), 267, 268(b), 275, 277(a), 279(a), 280(2), 281(a) tal-Kapitolu**

**9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 7(2) u 11 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikoli 19 u 24(2)(b) tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda ssib lill-imputati hatja ta' l-akkuzi kollha kif migjuba kontra taghhom u tikkundannahom ghal perjodu ta' sittax (16)-il xahar prigunerija effettiva u taghmel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex fil-perjodu ta' permanenza taghhom fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin jaghmlu l-programm tar-riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**